**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**-vs-**

**Ebderi Edriss Gumaa Faraj, detentur tal-karta ta' l-identità 0067610A**

Illum, 1 ta' Lulju, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 78/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Ebderi Edriss Gumaa Faraj** u ċioe talli:

Nhar il-31 ta' Jannar 2021 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel, f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. Ikkaġuna lill-mara tiegħu, u cioe' **Zvetlana Cassar,** li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Marwa Edriss Gumaa u Munir Idrees Gumaa*, biża li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha, jew kontra l-persuna jew il-propjetà ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha

U iktar talli fil- 31 ta' Jannar 2021 ġewwa Ħaż-Żebbuġ (Malta),

2. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ingurja u/jew hedded lil **Zvetlana Cassar**, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Marwa Edriss Gumaa* u *Munir Idrees Gumaa*, bi kliem

3. U iktar talli għamel użu mhux xieraq b'apparat ta' komunikazzjoni elettronika (Mobile)

   U talli fl-istess data, lok u ċirkustanzi,

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-mara tiegħu, u cioe' **Zvetlana Cassar**, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Marwa Edriss Gumaa u Munir Idrees Gumaa*

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodiċi kriminali lill-mara tiegħu, u cioe' **Zvetlana Cassar** u li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu *Marwa Edriss Gumaa* u *Munir Idrees Gumaa,* jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Ebderi Edriss Gumaa Faraj** a benefiċċju ta' **Zvetlana Cassar** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' **Zvetlana Cassar** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Ebderi Edriss Gumaa Faraj** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq,

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill- **Ebderi Edriss Gumaa Faraj** għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja[1] w li l-imputat m'għandu l-ebda oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

---

[1] Fol.29

[2] Fol.10

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fit-12 ta' Marzu, 2024.

Il-Provi

Il-**Current Incident Report**[3] jindika kif nhar l-4 ta' Frar 2021 sar rapport mill-parte leża w mart l-imputat, Svetlana Cassar, li żewġha kien qed jibgħatilha *voice messages* mimlija theddid. Dawn intbagħtu bejn it-3pm-8:30pm mill-mobile tiegħu numru 99285065 fejn heddidha li joħdilha lill-binthom il-Libja, ibikkiha biki tad-demm u li ma kienx ser iħalliha bi kwieta għax kien ser jibqa' jiġri warajha sal-mewt.[4] Ir-rapport ġie konfermat minn **PC2160 Nicholette Grech**[5] kif ukoll minn **PS583 Evan Grech**.[6]

L-**Ispettur Audrey Micallef** xehdet kif fuq dan ir-rapport, wara li tkellmet m Cassar u bl-għajnuna tal-interpretu Bader Zina, inqraw u nstemgħu messaġġi li l-imputat bagħat lil Cassar. Ir-*risk assessment test* irriżulta ta' riskju għoli.[7] It-theddid li l-aktar kkawżala biża kien meta qalilha li joħdilha lill-ulieda l-Libja.[8] Riprodotta x-xhud esibit id-deċiżjoni ta' separazzjoni datata l-14 ta' Diċembru, 2023[9] li ġiet konfermata mill-Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, Karen Falzon.[10]

Ġie preżentat **Risk Assessment Report** redatt mill-Aġenzija Appoġġ fejn Svetlana Cassar ingħatat grad ta' *High Risk*.[11] Dan ir-rapport ġie konfermat mis-*social workers* **Redent Farrugia**[12] u **Ryan Grima**.[13]

---

[3] **Dok.F** a fol26 et seq
[4] Fol.28
[5] Fol.83-84. Ex-WPC160
[6] Fol.71-72
[7] Fol.37-38
[8] Fol.39
[9] Fol.95 et seq
[10] Fol.140
[11] **Dok.D** a fol.14 et seq
[12] Fol.86-87
[13] Fol.89-90

**Svetlana Cassar** xehdet kif kienet għaddejja bi proċeduri ta' separazzjoni minn mal-imputat. Uliedhom kellhom tmien snin u għaxar snin. Peress li mill-Aġenzija Appoġġ waqfulu s-*supervised access visits* beda jibgħatilha messaġġi biex jara t-tfal u ***"Jheddidni li jekk mhux ha nagħmel kif qed jgħidli hu, li ha nispiċċaw ħażin, li mhux ħa jħallini bi kwieti qabel jieħu t-tfal....Beda jgħidli li ħa nibki biki tad-demm, li ħa jiddispjaċini ħafna li mhux ħa nagħmel kif ried hu, li t-tfal jekk irid iħallas elf (1000) ewro u joħodomli..... jaqbad u joħodomli għal kollox.... joħodhom pajjiżu.... il-Libja".[14]*** Spjegat li kienet tikkomunika miegħu permezz tal-Whatsapp minn fuq in-numru 99285065 u 99315999. Kien fil-31 ta'Jannar 2021, li rċeviet il-messaġġi li wassluha biex tagħmel rapport, mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ir-rapport għamlitu nhar l-4 ta' Frar, 2021, wara li kien l-imputat li rrapurtaha lill-pulizija talli ma tagħtux aċċess u dawn bgħatu għaliha biex ikellmuha, altrimenti kienet qed tipprova tmewwet l-affarijiet.[15] It-theddid kien sar anke fix-xhur ta' qabel meta kien jgħidilha li t-tfal kienu ser jispiċċaw miegħu u *"dejjem l-istess kliem, Dejjem li jiena ha jiddispjaċini"* iżda peress li kien ikun hemm is-*supervised aċċess visits*, kienet isserraħ moħħha.[16]

**Bader Zina** spjega kif kien assista l-Ispettur Micallef billi ittraduċa mill-Għarbi għal Malti messaġġi li nqraw u nstemgħu fuq mobile li kien fil-pussess tal-Ispettur Micallef. Ikkonferma dawn il-messaġġi li huma mniżżla fuq dokument ppreżentat fl-atti.[17]

Dawn il-messaġġi u telefonati tpoġġew f'ordni kronoloġika mill-ispettur u jirreferu lkoll għad-data tal-31 ta' Jannar 2021. Iktar minn hekk hemm ukoll indikat il-konversazzjoni bejn Cassar u l-imputat.[18]

Fost dawn il-messaġġi hemm ***"ha nġiegħlek tibki d-demm", "issa nurik il-kummiedji, hux trid kummiedja, issa nurik"; "nġiegħlek toqgħod ħajtek", "Qabel ma nieħu liż-żgħar mhux se ntik divorce", "irrid inkun mejjet biex tiżżewweġ int", "Ser nibqa' ninsisti sa ma naħraqlek demmek u jaqbdek heart attack"; "naħlef l' Alla li mhux ser inħallik bi kwietek. Int qaħba, issa tara x'se jiġri, issa tara x'se nagħmillek. Sentejn oħra jikbru t-tfal u neħodhom".***

<u>Stqarrija</u>

---

[14] Fol.47-48
[15] Fol.49-50
[16] Fol.51
[17] **Dok.XY** a fol.62
[18] Fol.65-66

Il-Qorti rat l-istqarrija awdjo viżiva tal-imputat.[19]Ikkonfrontat bl-allegazzjonijiet ta' martu jibqa' sieket u jitlob lill-ispettur tgħaddi għall-mistoqsijiet oħra fejn jirrepeti, anke b'sinjali, biex tmur għal domanda oħra.

L-ispettur taqralu messaġġ wara l-ieħor min dawk imsemmija aktar il-fuq, jibqa' sieket. Iżda meta fil-00:16:21 tistaqsieh jekk b'dak li qalet lill-pulizija Svetlana gidbietx ixxejjer rasu lejn lemin u xellug u jindika li *"Le"* (00:16:33). Meta kkonfrontat bil-fatt li kemm il-darba jħallas elf ewro (€1,000) biex joħdilha t-tfal, ikun qed iġib problemi għalih innifsu jbaxxi rasu l-fuq u l-isfel u jindika li fehem li b'hekk ikun qed iżid il-gwaj għalih (00:17:20- 00:17:30). L-istess kif għamel meta kkonfrontat bil-fatt li martu kellha tmur toqgħod ġo *shelter* għax kien isawwatha (00:16:49-00:16:52).

Ikkunsidrat

Għalkemm hu minnu dak li ssottometta l-abbli difensur tal-imputat li ma ġewx esibiti *screenshots* jew *print-outs* li jiddokumentaw il-messaġġi w l-*voice recordings* li ntbagħtu mill-imputat, apparti li tixhed direttament fuqhom l-Ispettur Micallef, il-parte leża tixhed dwar il-kliem li ntqalilha. Hemmhekk id-**Dokument XY** joffri korroborazzjoni għal dak li tixhed Cassar. Minn dawk il-messaġġi ċertament dak li fihom jingħad ***"Ser nibqa ninsisti sa ma naħraqlek demmek u jaqbdek heart attack"*** u ***"naħlef l' Alla li mhux ser inħallik bi kwietek. Int qaħba, issa tara x'se jiġri, issa tara x'se nagħmillek. Sentejn oħra jikbru t-tfal u neħodhom"***, inisslu biża filwaqt li t-tgħajjira lejn Cassar li hi ***"qaħba"*** hi nġurjuża.

Dan l-għemil imbgħad jiffigura bħala użu mhux xieraq t'apparat ta' telekomunikazzjoni.

Il-Qorti ma ssib l-ebda diffikultà milli temmen il-verżjoni ta' Cassar.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-proċediment fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amer Kasem** ikkunsidrat:[20]

> Illi huwa principju stabbilit illi abbazi tal-artikolu 638 (2) tal-Kap 9:
>
> *"... ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

[19] **Dok.H** fol.30

[20] Per Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Appell Nru.74 / 2023, Seduta ta' Settembru 2023

Riferenza għandha ssir għall-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 fejn ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal Kapitolu 9 ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, dags kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

……..

Issa, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[21] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix xiehda ta' xhud wieħed biss.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali ma teħtieġx li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid

---

[21] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ippreseduta mill imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002**; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri w ippreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004

> irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita', jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.
>
> Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż 11li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fid-dawl ta' dan it-tagħlim ġurispridenzjali w ir-riżultanzi proċesswali l-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha sal-grad rikjest mill-Liġi iżda limitatament għal dak li jirrigwarda l-jum tal-31 ta' Jannar 2021 u mhux għal xi okkażjoni oħra li dwarha il-proċess hu sajjem minn kull prova.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni li, in kwantu għat theddid, bejn l-imputazzjonijiet kollha, japplika l-prinċipju tal-konkors formali tal-pieni, bil-piena l-iktar gravi tkun dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni.[22] L-istess prinċipju japplika in kwantu għall-inġurja fir-rigward tat-tieni sal-ħames imputazzjoni.

Il-piena għall-ewwel imputazzjoni, magħdud l-aggravju kontemplat bl-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali, hi dik ta' bejn sena (1) u erba' (4) snin priġunerija.

Il-Qorti qieset in-natura tal-imputazzjonijiet li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat aġġornata esibita fuq ordni tal-Qorti w taċ-ċirkostanzi tal-każ, partikolarment li l-imputat baqa' ma wera ebda rimors għall-għemilu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 251(3)[23], 251H(a) u 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikoli 49(a)(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **għaxar (10) xhur priġunerija** li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal zmien sentejn (2) millum.

---

[22] Fejn il-lokuzzjoni wżata hi dik kontemplati bl-artikolu 251(3) tal-Kodiċi Kriminali
[23] Li jirreferi għal piena kontemplata bl-artikolu 250(1) tal-Kodiċi Kriminali

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn dwar *anger management*.

Finalment il-Qorti qed toħroġ Ordni ta' Trażżin kontra l-imputat a favur ta' Zvetlana Cassar għal żmien tlett (3) snin millum.

Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat ukoll lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-liġi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**